# Ħalliem
## mill-Ġenesi

Gabriel Pace

L-investa. Kemm ilha ħadd ma jaf. Kull ħjiel ta' kulur li kellha, tilfitu. Iżda għadha tintuża, tinħasel, tintuża u terġa' tinħasel. Taħtha, l-imħadda. Tar-rix. Bla forma ta' xejn. Qisha l-arloġġ ta' Salvador Dalì. Tintuża wkoll. Lejl wara l-ieħor. Sa dal-lejl, almenu.

Ġużeppi. Kemm ilu, ħadd ma jaf. Tilef ħafna f'ħajtu, imma kulur u forma kien fadallu xi ħaġa. Iżomm ruħu. Jagħmel l-almu tiegħu biex ma jintelaqx. Bil-limitazzjonijiet tiegħu, jgħix ħajja komda u libera. Jum wara l-ieħor. Sal-lum.

Il-kpiepel t'għajnejh imbewsin f'xulxin. Minn taħt, il-ħbub t'għajnejh iżebbġu u jiġġerrew. Moħħu kaldarun ta' tifkiriet ibaqbqu, kull tant żmien jitilgħu 'il fuq bħal bużżieqa tal-ilma ...

F'idu, ir-rota tat-*Triumph Herald*. Kemm hi sabiħa t-triq li tieħdok minn Marsaxlokk għal Tas-Silġ. Għelieqi bid-dwieli maż-żewġ naħat. Kull dielja bi tliet friegħi, u l-għasafar ipespsu u jnaqqru mill-uċuħ tar-raba' ...

... sħab.

Art.

Sema.

Mal-impatt, il-karozza nqalbet darbtejn fuq ġenbha. X'ġara?

"Imma kemm-il darba rridu ngħiduhielek din, pa? Is-sewqan m'għandekx xi tridu!"

"Inkwiet biss! U mhux għax tinkwieta lilna, imma għalik, għax ħażin ħa tispiċċa!"

"Trid tispiċċa f'qiegħ xi sodda u ma tkunx tista' terġa' tiċċaqlaq?"

"Jew tibqa' sejjer dritt għand il-Mulej?!"

"Iwa Dor, ikkalma, mhux daqshekk imbagħad."

"Mhux daqshekk?! Kif trid tbiddillu fehmtu għid?"

"Imma ... imma ... "

Dlam.

F'idu, munita barranija. Jekk ikollu jgħid sew, donnha tal-fidda. Fuqha kellha mnaqqax in-numru 20, u taħthom erba' kelmiet ta' lingwa li ma setax jagħraf. F'ħanut tas-souvenirs. Fejn qegħdin?

"Skużani sinjura, kemm jiswew dawn jekk jogħġbok?"

Skiet. Tgħid barranija? Jipprova jsaqisha bl-Ingliż? Ma setgħux jiġu kliem f'moħħu. Ma riditx ittih wiċċ donnha.

Mhux li wiċċha ġdid, għax donnu familjari. Ġdid mhuwiex żgur għax jidher daqsxejn imkemmex. Xagħarha miżbugħ qastni.

Le! Possibbli? Martu? Kemm sbieħet mill-aħħar li raha! L-aħħar li raha kienet safra. Hawnhekk reġgħet tlewnet, sbieħet bħal tant snin ilu.

"Ann!"

Ma tatux wiċċ.

Kemm xtaq imqar jisma' leħinha!

Dlam.

Delimara.

F'idu, ħobża biż-żejt, imħawra bil-kappar u t-tadam frisk, u ż-żebbuġ. Id-dqiq jista' jħossu mad-dawra ta' xufftejh, imħallat mal-imluħa tal-baħar. Minn taħt il-għajn, jara baqra ħierġa mill-ilma. Ma fehemx għalfejn. Ma tax kas. Maġenbu, sieħbu tal-imgħoddi. Kemm kien ilu ma jarah! Mur għidilhom wara tant snin, kellhom jerġgħu jitlaqqgħu fl-istess post fejn qattgħu tant nofstanharijiet ta' tfulithom. Benjamin kien romol ukoll.

"Allura kif qed tkampa?"

"U hekk ħi, u hekk. Daqqa hekk u daqqa mod ieħor. Skont id-daqqa niżfnu!"

"Jien lill-Mulej ili nitolbu, meta jrid, jeħodni miegħu! Fejn Anni l-għażiża!"

"U tibżax, ma jdumx ma jsejħilna."

"Kieku taf kemm ferraħtni llum, sibt 'il xi ħadd ma' min nitkellem!"

Tassew kien kuntent. F'qalbu qabdet tkebbisa li għal ħafna snin kienet sintomu ta'ħbiberija mill-isbaħ. Qalbu kienet tferfira waħda ħdejn it-tnemnim

ħiemed tas-soltu. L-aħħar li kellu qalbu tant ferħana, kien ma' Anni tiegħu.

Ħares lejn subgħajh. Iċ-ċurkett hemm kien għadu. Kif għolla ħarstu biex ikompli jitkellem ma' Benjamin, induna li dalam. Benjamin ma kienx għadu hemm. Iż-żejt ikħal jixgħel ta'ftit mumenti ilu, issa kien abbiss fond u tat-twerwir.

"Benjamin! Fejn int?"

"Benjamin!"

Ħdax-il kewkba fis-sema, bdew jintfew waħda waħda. Mill-ġdid, dlam biss.

Riħa ta' brodu. F'idu, labirint sħiħ ta' kanali deħlin u ħerġin u mqabbdin ma' dik il-magna u mal-oħra. Kien imlibbes libsa twila bil-kmiem, tinżel sa rkupptejh. Minn taħt ma kellu xejn, u beda jħoss il-bard.

"Mr Joseph! Sar ħin l-ikel! Ara x'għandna llum!"

Skutella tal-plastik, pużati tal-plastik. Ressquhomlu lejn xufftejh. Ma setax jitħarrek. U dak il-brodu ma fetaħlux l-aptit beraħ.

"Isa għax jiksaħlek!"

L-iskutella ħallewhielu quddiemu. Ma setax iċaqlaq muskolu minn ġismu. Il-plastik tal-pużati beda jinħall, isir ħaġa waħda mal-plastik tal-iskutella.

Irwejjaħ umani. Qtugħ ta' nifs. Nuqqas ta' arja u ta' ċaqliq.

Beda jipprova jiftaħ ħalqu. Ma kellux biżżejjed saħħa.

"Irr–"

"Għandek bżonn xi ħaġa, Mr Joseph?"

"Irrid ... "

"Trid il-brodu? Għadu sħun ta!"

"Irrid immur ... "

"Sat-toilet naħseb hux! Tinkwieta xejn! Jekk trid, tista' taqbad u tagħmel fis-sodda! Kollox imqabbad u lest!"

"Irrid immur Delimara!"

"Isma' x'kull waħda llum! Delimara?"

Leħinha beda jintefa wkoll. Ħbub għajnejh kienu qed iżebbġu b'rata iktar mgħaġġla minn qatt qabel. Ħasshom ħa jaqbżu minn ġol-kpiepel u jtiru 'l barra.

F'idu, borża, li ma' kull ċaqliqa bdiet iċċekċek. X'kien fiha? Ħall il-qfieli tal-ixkora u sab tazza tal-fidda, ġdida fjamanta, li fiha seta' jilmaħ ir-rifless ta' wiċċ xwejjaħ u mdendel. Ħares fil-fond, mhux lejn it-tazza, imma lejn dak l-istess wiċċ li kien qed iħarislu lura. Dan l-istess Ġużeppi? Dak li kellu s-saħħa biex ibigħ? L-istess wiċċ li kien imdorri jara f'inkwatru malli tidħol id-dar, mixgħul

ħdejn l-għeżież martu u wliedu? Il-ġilda tiegħu, dik l-istess ġilda li rat xemx, xita, ksieħ u sħana? Illum biss folja rqiqa lesta li tintreħa malli tgħaddi xi żiffa.

"M'għadniex l-istess Ġuż."

It-tazza tal-fidda. Eluf ta' snin ilu fetħet għajnejn ħut Ġużeppi u għaqqdet familja. Illum, fetħet għajnejn Ġużeppi ieħor, ħalliem ukoll. Laqqgħetu mhux ma' ħutu iżda miegħu nnifsu. Filgħodu tibda avventura ġdida għal kollox. Residenza ġdida m'oħrajn tal-istess xorta tiegħu. Imkemmxin bħalu, ħajjithom damma ta' tifkiriet. Kien ilu jitwerwer minn dak il-kalċi li ġie għal fuqu. Il-possibbiltà li jtemm ħajtu bil-kwiet, fil-kumdità ta' daru, kienet għebet għal kollox.

"Mhux kif irrid jien."

Dak il-ħin, fuq l-imħadda bla forma u l-investa mitfija, il-ħbub t'għajnejn Ġużeppi straħu ftit minn dak il-ġenn. U fuq wiċċu feġġet tikmixa li ma kienet l-ebda sintomu ta' xjuħija, imma rifless ta' paċi interna. Ma' dik it-tbissma, tqalleb tnejn u kompla jorqod fis-sliem.